



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6270/20

LIMITE

CORLX 91
CFSP/PESC 157
CSDP/PSDC 95
CIVCOM 40
FIN 103
EUAM IRAQ 4
CSC 60

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/...

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869
dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea
b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq
(EUAM Iraq)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869¹ li tistabbilixxi Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq).
- (2) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1545² li temenda l-mandat tal-EUAM Iraq u li testendieh sas-17 ta' April 2020.
- (3) Wara r-Rieżami Strateġiku tal-EUAM Iraq, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) irrakkomanda li l-mandat tal-EUAM Iraq jiġi emendat u estiż sat-30 ta' April 2022.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 tiġi emendata kif meħtieġ.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1869 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L 266, 17.10.2017, p. 12).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1545 tal-15 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 31).

- (5) L-EUAM Iraq tenħtieġ li jkollha ċellula ta' proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti. L-EUAM IRAQ tenħtieġ, skont il-ħtieġa, li tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi parir dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u Stati terzi taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'oqsma marbutin mal-EUAM IRAQ u b'appoġġ għall-oġettivi tagħha.
- (6) L-EUAM Iraq ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikoli 2 u 3 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Objettivi

L-objettivi strateġiċi tal-EUAM Iraq għandhom ikunu li:

- (1) tipprovdi pariri u għarfien espert lill-awtoritajiet Iraqin fil-livell strateġiku sabiex jidentifikaw u jiddefinixxu r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni koerenti tal-aspetti ċivili tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà tal-Istrateġija tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Iraq u l-pjanijiet assoċjati;
- (2) tanalizza, tivvaluta u tidentifika opportunitajiet fil-livelli nazzjonali, reġjonali u provinċjali għal impenn ulterjuri min-naħa tal-Unjoni b'appoġġ għall-ħtiġijiet tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà ċivili;
- (3) tinforma u tiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri; u

- (4) tassisti lid-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-koordinazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tad-dimensjoni ċivili tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà ċivili, biex tiġi żgurata koerenza fl-azzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 3

Kompiti

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2, l-EUAM Iraq għandha twettaq il-kompiti neċessarji f'konformità mad-dokumenti tal-ippjanar tagħha."

- (2) fl-Artikolu 14, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Iraq għall-perijodu mis-16 ta' Ottubru 2017 sas-17 ta' Ottubru 2018 għandu jkun ta' EUR 17 300 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Iraq għall-perijodu mit-18 ta' Ottubru 2018 sas-17 ta' April 2020 għandu jkun ta' EUR 64 800 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Iraq għall-perijodu mit-18 ta' April 2020 sat-30 ta' April 2022 għandu jkun ta' EUR 79 500 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja għal kull perijodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 14a

Ċellula ta' Proġetti

1. L-EUAM Iraq għandu jkollha Ċellula ta' Proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti. L-EUAM IRAQ għandha, skont il-ħtieġa, tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi parir dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u Stati terzi taħt ir-responsabbiltà tagħhom u b'rispett dovut għall-qafas istituzzjonali tal-Unjoni f'oqsma marbutin mal-EUAM IRAQ u b'appoġġ għall-oġettivi tagħha.
2. L-EUAM IRAQ għandha tkun awtorizzata tuża l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri jew ta' Stati terzi għall-implimentazzjoni ta' proġetti identifikati bħala li jissupplimentaw b'mod konsistenti azzjonijiet oħra tal-EUAM IRAQ, jekk il-proġett ikun:
 - (a) previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja relatata ma' din id-Deċiżjoni; jew
 - (b) integrat fid-dikjarazzjoni finanzjarja matul il-mandat tal-EUAM Iraq permezz ta' emenda mitluba mill-Kap tal-Missjoni.

L-EUAM IRAQ għandha tikkonkludi arranġament ma' dawk l-Istati, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi għat-trattament ta' kwalunkwe ilment minn partijiet terzi dwar ħsara kkawżata minħabba atti jew ommissjonijiet mill-EUAM IRAQ fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati. L-Istati Membri li jikkontribwixxu ma jistgħu f'ebda ċirkostanza jżommu lill-Unjoni jew lir-Rappreżentant Għoli responsabbli ta' atti jew ommissjonijiet mill-EUAM IRAQ fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati terzi għaċ-Ċellula ta' Proġetti għandhom ikunu soġġetti għall-aċċettazzjoni mill-KPS.";

(4) fl-Artikolu 17, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Hija għandha tapplika sat-30 ta' April 2022.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
